TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 29 tal-2017

Ħinijiet Estiżi għal Taħriġ ta' Sparar f'Pembroke Ranges

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting* ta' Transport Malta jgħarraf li b'żieda għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 2 tal-2015, il-Forzi Armati ta' Malta se jagħmlu Taħriġ ta' Sparar Attiv b'ħinijiet estiżi bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m. nhar il-Ħamis, it-22 ta' Ġunju, 2017 u l-Ġimgħa, it-23 ta' Ġunju, 2017, fir-*Ranges* ta' Pembroke.

Iż-żona tal-eżerċizzju hija delineata bis-settur ABC.

Minn Pożizzjoni A

	Latitude (T)	*Longitude (L)*
A	35º 55'.54	014º 28'.32 (Punt ta' ċentru fuq l-art)

raġġ ta' 4 mili nawtiċi sa punti

B	35º 59'.46	014º 27'.15 u
C	35º 58'.29	014º 32'.19

Il-baħħara huma avżati biex iżommu minimu ta' 4 mili nawtiċi 'l hinn mix-xatt matul din il-ġurnata. Bnadar ħomor se jimmarkaw il-limiti iżda mhux se jkun hemm marki ta' billejl.

B'żieda ma' dan, il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-*Valletta Port Control (VTS)*

Charts affettwati BA 2538, 2537, 194.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM

It-2 ta' Ġunju, 2017

L-INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2016 = 100)

	2017
Jannar	98.64
Frar	98.85
Marzu	99.40
April	99.87

Oġġetti li ġabu l-aktar tibdil:

	Marzu 2017	April 2017	Effett fuq l-Indiċi
Ikel			
Take-outs	96.64	98.62	0.06

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 29 of 2017

Extended Hours of Firing Practice at Pembroke Ranges

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that further to Notice to Mariners No. 2 of 2015, the Armed Forces of Malta will carry out Live Firing Practice with extended hours between 6.00 p.m. and 8.00 p.m. on Thursday, 22nd June, 2017 and Friday, 23rd June, 2017, at the Pembroke Ranges.

The exercise area is delineated by sector ABC.

From Position A

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35º 55'.54	014º 28'.32 (Centre point on land)

a radius of 4 Nautical miles to points

B	35º 59'.46	014º 27'.15 and
C	35º 58'.29	014º 32'.19

Mariners are warned to keep as a minimum 4 Nautical miles off the coast during this day. Red Marker flags will be shown from the limits however there will be no night markings.

Moreover, they must obey any instructions issued by Valletta Port Control (VTS).

Charts affected BA 2538, 2537, 194.

Positions referred to WGS 84 DATUM

2nd June, 2017

RETAIL PRICE INDEX

All Items (December 2016 = 100)

	2017
January	98.64
February	98.85
March	99.40
April	99.87

Items causing most change:

	March 2017	April 2017	Effect on Index
Food			
Take-outs	96.64	98.62	0.06

Ħwejjeġ u Żraben				**Clothing and footwear**			
Ħwejjeġ tal-irġiel	83.97	88.98	0.09	Men's outerwear	83.97	88.98	0.09
Ħwejjeġ tan-nisa	89.36	95.02	0.13	Women's outerwear	89.36	95.02	0.13
Rikreazzjoni u Kultura				**Recreation and Culture**			
Divertiment u żjarat kulturali	100.35	107.19	0.10	Entertainment and cultural visits	100.35	107.19	0.10

It-2 ta' Ġunju, 2017

2nd June, 2017

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻABBAR

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar jgħarraf lill-pubbliku li nhar is-Sibt, is-17 ta' Ġunju, 2017, mill-10.00 a.m. sa nofsillejl, parti minn Triq tal-Labour (sar-*roundabout* ta' ħdejn Triq il-Kunsill tal-Ewropa) se tkun magħluqa għat-traffiku, inkuż il-trasport pubbliku.

It-2 ta' Ġunju, 2017

ĦAŻ-ŻABBAR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħaż-Żabbar Local Council notifies the public that on Saturday, 17th June, 2017, from 10.00 a.m. till midnight, part of Triq tal-Labour (till roundabout next to Triq il-Kunsill tal-Ewropa) will be closed for traffic, including public transport.

2nd June, 2017

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jixtieq javża li nhar is-Sibt, l-10 ta' Ġunju, 2017, mis-7.30 p.m. 'il quddiem, se jorganizza attività li se ssir fi Triq il-Kbira u fi Pjazza Sant'Elena.

Mis-7.00 a.m. sas-1.00 a.m., ħadd ma jista' jipparkja f'dawn it-toroq: Triq Sant'Elena, Pjazza Sant'Elena, Triq is-Santwarju, Triq Mike Pulis, Triq Tumas Fenech, Triq il-Kbira u Triq Costantino.

Ma jkunx hemm aċċess għal: Triq Sant'Elena, Pjazza Sant'Elena, Triq is-Santwarju, Triq Mike Pulis, Triq Tumas Fenech, Triq il-Kbira u Triq Costantino.

It-2 ta' Ġunju, 2017

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Birkirkara Local Council notifies that on Saturday, 10th June, 2017, from 7.30 p.m. onwards, the Council will be organising an activity which will be held in Triq il-Kbira and in Pjazza Sant'Elena.

In view of this from 7.00 a.m. till 1.00 a.m. of next day parking will not be permitted in the following streets: Triq Sant'Elena, Pjazza Sant'Elena, Triq is-Santwarju, Triq Mike Pulis, Triq Tumas Fenech, Triq il-Kbira and Triq Costantino.

No access to: Triq Sant'Elena, Pjazza Sant'Elena, Triq is-Santwarju, Triq Mike Pulis, Triq Tumas Fenech, Triq il-Kbira and Triq Costantino.

2nd June, 2017

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi espressjonijiet ta' interess dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, id-9 ta' Ġunju, 2017, għal:

EOI 5/2017. Provvediment ta' servizzi ta' tindif fid-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima.

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change notifies that expressions of interest in respect of the following notice will be received on the date and time indicated below:

Up to 10.00 a.m. of Friday, 9th June, 2017, for:

EOI 5/2017. Provision of cleaning services at the Rural Development Department in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change.